23 ta' April 2014

Is-Sur Reno Bugeja
Manager tal-Aħbarijiet u Ġrajjiet Kurrenti
Public Broadcasting Services
75, Triq San Luqa,
Gwardamanġa, Tal-Pietà

Sur Bugeja,

Qiegħed formalment nilmenta miegħek bħala Editur u Kap tat-Taqsima tal-Aħbarijiet tal-PBS dwar is-servizz tal-aħbarijiet ta' TVM ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' April. Fil-bullettin tal-aħbarijiet tal-bieraħ, inħoloq żbilanċ kontra l-Partit Nazzjonalista permezz tal-*captions* li xxandru waqt is-servizzi tal-aħbarijiet tal-Prim Ministru u tal-Kap tal-Oppożizzjoni.

Fis-servizz tal-aħbarijiet dwar iż-żjara li l-Prim Ministru Muscat għamel fid-dar tal-familja tat-tifla tal-kuġina tiegħu, li fiha reġa' rrepeta diversi punti li diġà għamel diversi drabi dwar ir-roħs tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma, il-*caption* li ntgħażlet u li tħalliet miktuba fuq l-iskrin għal ħin twil kien "Il-Prim Ministru jiddiskuti r-roħs fil-kontijiet tad-dawl". Iżda fil-kollegament li sar dwar id-diskors tal-Kap tal-Oppożizzjoni l-*caption* kienet tistqarr sempliċiment "Il-kampanja għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew". Fil-każ tas-servizz tal-aħbarijiet dwar iż-żjara tal-Kap tal-Oppożizzjoni għand il-kumpanija Attard & Co, il-*caption* magħżula mill-kamra tal-aħbarijiet tal-PBS kienet "Il-PN dwar il-ħtieġa għal aktar xogħol", messaġġ magħżul biex jimminimizza l-messaġġ dwar il-problema tal-qgħad.

Huwa ċar li l-PBS għażel il-*captions* sabiex ikompli jirrinforza l-messaġġ tal-Gvern, li qiegħed ukoll jintuża b'mod propagandistiku fuq il-*billboards* u materjal ieħor tal-Gvern, filwaqt li jaħbi l-messaġġ tal-Partit Nazzjonalista billi għażel frażi li ma tfisser xejn. Din mhi xejn għajr każ ieħor ta' manipulazzjoni favur il-Prim Ministru Muscat u żbilanċ kontra l-Partit Nazzjonalista. Għalhekk, qiegħed formalment nitolbok spjegazzjoni dwar dan l-iżbilanċ li ħloqt ilbieraħ biex nagħżel jekk għandix nipproċedi bl-ilment tiegħi quddiem l-Awtorità tax-Xandir.

Inselli għalik,

David Herrera
Direttur Informazzjoni

Kopja: Is-Sur Pierre Cassar – Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir – 7, Triq Mile End, Il-Ħamrun

**Partit Nazzjonalista**
Triq Herbert Ganado, Pietà PTA 1450, Malta • Tel: +356 2124 3641 • Fax: +356 2124 3640 • Email: pn@pn.org.mt
Member of the European People's Party • Member of the Christian Democrat International • Member of the International Democrat Union
*www.pn.org.mt*